MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Numru. 605/2007

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
Marvin Zammit, iben Maria Theresa Zammit, imwieled
Pieta’ fl-24 ta’ Lulju, 1986

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta’ Frar, 2007, bejn il-ħamsa u id-disgħa u nofs ta’ fil-għaxija, f’Santa Venera, ikkometta serq mill-fond ‘St. Mary Flats’, Flat 3, Triq is-Soll, għad-dannu ta’ John Borg u/jew persuni oħra, liema serq hu kkwalifkat bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-mezz, bil-lok u bil-ħin;
2. talli fl-istess jum, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew

akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom, liema ħwejjeġ, ġew minn serq ikkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għamel ħsara u/jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta' John Borg u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorrix il-ħamsin lira maltin (Lm50);

4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Frar, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 261(a)(b)(ċ)(e)(f), 262(1)(a), 263 (a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 276, 276A, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' April, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' April, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess

akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(e)(f), 262(1)(a), 263 (a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 276, 277(a), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tmintax il-xahar priġunerija. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' tmien mija u tnejn u ħamsin euro (€852) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------